**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta' Novembru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 903/2012 AF**

**Cooperative Services (Travel, Minibuses and Maintenance) Limited**

**vs**

**Mozaic Co. Limited (C-46202)**

**u**

**Holistic Technologies Limited (C-16921)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tas-soċjetà attriċi Cooperative Services (Travel, Minibuses and Maintenance) Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà intimata Mozaic Co. Limited (C-46202) bi shab mas-socjetà intimata l-ohra Holistic Technologies Limited (C-16921) intrabtu u obbligaw ruhhom li jiddisinjaw, jizviluppaw u jipprovdu lill-Koperattiva rikorrenti sistema ta' software addattata ghall-bzonnijiet u l-htigijiet tal-istess Koperattiva rikorrenti, kif ukoll li jipprovdu numru ta' servizzi ancillari ohra u dan versu l-prezz globali pattwit ta' hmistax-il elf u hamsa u erbghin Ewro (inkluz VAT) skond id-dokument li kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala Dok. "A".

A tenur tal-istess ftehim is-socjetajiet intimati jew min minnhom kellhom jibdew jipprovdu servizz ta' maintenance u sapport ghall-istess sistema versu l-prezz ta' €2950 fis-sena.

Is-socjetajiet intimati obbligaw ruhhom illi jikkompletaw dawn ix-xogholijiet ta' disinn u zvilupp u jipprovdu s-sistema fuq imsemmija lill-Koperattiva rikorrenti fi zmien 7 gimghat mid-data tal-ftehim.

Il-Koperattiva rikorrenti hallset lis-socjetajiet intimati jew lil minnhom is-somma komplessiva ta' €9,773.30 akkont tal-prezz pattwit, u dan permezz ta' 2 cekkijiet mahruga fuq isem is-socjetà intimata Mozaic Co. Limited ta' €5,268.70 u €4,507.60 rispettivament.

Is-socjetajiet intimati mhux biss naqsu milli jesegwixxu u jikkompletaw l-inkarigu minnhom assunt li u jipprovdu l-imsemmija sistema lill-Koperattiva rikorrenti entro t-terminu pattwit, talli s-sistema li giet minnhom jew min minnhom ipprovduta lill-Koperattiva rikorrenti ma kienitx tiffunzjona kif suppost u kif kien miftiehem li kellha tiffunzjona u ma kienitx idonea ghall-uzu mill-istess Koperattiva rikorrenti.

B'rizultat ta' dan in-nuqqas da parti tas-socjetajiet intimati jew min minnhom il-Koperattiva rikorrenti sofriet danni ingenti u dan kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Il-Koperattiva rikorrenti interpellat lis-socjetajiet intimati u filwaqt li ghal kull buon fini formalment itterminatilhom l-inkarigu lilhom moghti, interpellathom sabiex huma jew min minnhom jirrifonduha s-somma ta' €9,773.30 lilhom jew lil minnhom imhallsa akkont tal-prezz pattwit u dan ghar-ragunijiet fuq imfissra, izda s-socjetajiet intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi s-socjetajiet intimate jew min minnhom naqsu mill-obbligi kuntrattwali taghhom li entro t-terminu pattwit jiddisinjaw, jizviluppaw u jipprovdu lill-koperattiva rikorrenti sistema ta' software li tkun tiffunzjona kif suppost u kif miftiehem u li tkun idonea ghall-uzu, l-bzonnijiet u l-htigijiet tal-istess Koperattiva rikorrenti.

2. Konsegwentement tiddikjara illi s-socjetajiet intimati jew min minnhom huma obbligati li jirrifondu lill-Koperattiva rikorrenti is-somma ta' disat elef seba' mija u tlieta u sebghin Ewro u tletin centezmu (€9,773.30) minnha mhallsa akkont tal-prezz pattwit.

3. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati jew lil min minnhom sabiex jirrifondu lill-Koperattiva r-rikorrenti l-imsemmija s-somma ta' disat elef seba' mija u tlieta u sebghin Ewro u tletin centezmu (€9,773.30) flimkien mal-imghax relattiv mid-data ta' kull pagament akkont lilhom jew lil min minnhom maghmul mill-istess Koperattiva rikorrenti.

4. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-Koperattiva rikorrenti sofriet danni b'rizultat tan-nuqqas/ijiet da parti tas-socjetajiet intimati jew min minnhom.

5. Tillikwida d-danni sofferti mill-Koperattiva rikorrenti, okkorrendo bl-opra ta' perit nominandi.

6. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom biex ihallsu lill-Koperattiva rikorrenti dik is-somma in linea ta' danni kif likwidata.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra s-socjetajiet intimati jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjetajiet konvenuti Mozaic Company Limited u Holistic Technolgies Limited, li permezz tagħha eċċepew illi:

Il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet (hawn anness u mmarkat Dok. "A) gie onorat mis-socjetajiet intimati fl-interità tieghu u mhuwiex minnu li naqsu milli jesegwixxu l-inkarigu minnhom assunt u li jipprovdu l-imsemmija sistema ta' software lill-koperattiva rikorrenti entro t-terminu pattwit.

Kuntrarjament ghal dak erronjament indikat fir-rikors promotur, il-perjodu stipulat ta' seba' (7) gimghat li fihom kellha tigi kkreata s-sistema *de quo* ma jiddekorrix mid-data tal-ftehim izda mid-data ta' meta l-kooperattiva rikorrenti tforni l-kontenut u l-images kollha lis-socjetajiet intimati. Di fatti l-klawsola li tistipola l-perjodu ta' delivery a fol. 5 tal-imsemmi ftehim tistipola "7 weeks from provision of all content and images" (sottolinear tal-esponenti).

Jekk il-kooperattiva rikorrenti qed tilmenta minn allegat dewmien fil-provista tal-imsemmi software, tali dewmien huwa unikament u inekwivokament attribwibbli lill-istess kooperattiva stante li naqset milli tforni l-imsemmi materjal kollu lis-socjetajiet intimati fil-perjodu ta' wara li gie ffirmat il-ftehim *de quo*.

Di più, is-socjetajiet intimati bdew bix-xoghol taghhom u di fatti s-sistema kienet finalizzata da parti taghhom f'Lulju 2011.

Mid-data sopra msemmija sa Gunju 2012, is-socjetajiet intimati taw diversi sieghat bhala support lill-koperattiva rikorrenti u di fatti marru kemm il-darba fil-fond tal-kooperattiva sabiex ikunu jistghu iwettqu l-installazzjonijiet u x-xogholijiet necessarji ghall-manutenzjoni tal-istess sistema.

*Di più* l-istess kooperattiva rikorrenti ghamlet talbiet lis-socjetajiet intimati li jmorru lil hinn mill-obbligi kontrattwali pattwiti bejn il-partijiet u sabiex jissodisfaw l-esigenzi tal-kooperattiva, l-imsemmija socjetajiet sahansitra dahhlu ghax-xoghol fil-gurnata tas-Sibt sabiex ikunu jistghu jispjegaw is-sistema l-gdida lid-dirigenti tal-kooperattiva u dan fuq insistenza tal-istess kooperattiva meta kienet taf illi s-socjetajiet intimati ma jahdmux f'dik il-gurnata.

Matul il-perjodu li s-socjetajiet intimati zviluppaw is-software *de quo* kif ukoll fix-xhur ta' wara huma dejjem zammew kuntatt kontinwu mar-rapprezentanti tal-kooperattiva rikorrenti. Fil-fatt, meta l-Bord tal-kooperattiva rikorrenti kiene talab laqgha mas-socjetajiet intimati biex jaghmlu xi kjarifici, l-istess Bord kien, tramite rapprezentant tieghu, accetta s-*software* zviluppat u awtorizza t-tkomplija tax-xogholijiet. Illi di fatti l-istess kooperattiva rikorrenti, minbarra li affettwat pagament tad-deposit, affettwat ukoll pagament akkont tal-prezz f'Gunju 2012 u cioè numru ta' xhur wara li tlesta l-imsemmi *software* u gie pprezentat lill-kooperattiva rikorrenti.

Ghandu jinghad ukoll, li minkejja li f'Lulju 2011 is-socjetajiet intimati kienu taw id-data teknika ghax-xiri ta' *server*, kien biss f'Jannar 2012 li l-kooperattiva rikorrenti akkwistat is-*server* taghha. Minkejja dan, is-socjetajiet intimati hadu l-izbriga illi jinstallaw is-*software* fuq *laptops* tas-socjetajiet intimati, sabiex ikunu jistghu jezaminaw flimkien mal-kooperattiva rikorrenti s-*software* li gie zviluppat. *Di più*, gimgha wara din id-dimostrazzjoni, l-istess socjetajiet intimati installaw, fuq talba tal-kooperattiva rikorrenti, dan is-*software* fuq is-*server* li kienet ghadha kemm xtrat il-kooperattiva rikorrenti.

B'hekk kienet l-istess kooperattiva rikorrenti li naqset milli zzomm mat-termini pattwiti mas-socjetajiet intimati.

Ghaldaqshekk, it-talbiet tal-kooperattiva rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-interità taghhom bl-ispejjez kontra l-istess.

Salv kull eccezzjoni ohra.

Rat il-kontro talba tas-soċjetajiet konvenuti li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Is-socjetajiet intimati rikonvenjenti kienu dahlu fi ftehim mal-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata ghall-izvilupp u l-provvista ta' sistema ta' software ghall-uzu tal-kopperattiva rikorrenti rikonvenzjonata, liema software kien komplut u gie fornut lill-istess kooperattiva f'Lulju 2011.

Il-prezz maqbul bejn il-partijiet ghal dan ix-xoghol kien ta' tnax-il elf, seba' mija u hamsin Ewro (€12,750), eskluz il-VAT, u dan kif jirrizulta mill-ftehim hawn anness u mmarkat "Dok. A".

Sal-gurnata tal-lum, il-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata hallset lis-socjetajiet intimati rikonvenjenti s-somma ta' tmint elef, mitejn u hamsa u tmenin Ewro (€8,285) rapprezentanti deposit ta' erbat elef, erba' mija u hamsa u sittin Ewro (€4,465) u pagament wiehed ta' tlett elef, tmien mija u ghoxrin Ewro (€3,820), b'dan illi ghad fadal bilanc pendenti ta' erbat elef, erba' mija u hamsa u sittin Ewro (€4,465), eskluza l-VAT, liema ammont huwa cert, likwidu u dovut, u dan kif jirrizulta mill-fattura numru "12040-962" hawn annessa u mmarkata Dok. "B", liema bilanc ghadu pendenti sal-gurnata tal-lum.

Ai termini ta' dan l-istess ftehim, il-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata obbligat ruhha li thallas l-ammont ta' elfejn, disa' mija u hamsin Ewro (€2,950) bhala servizzi ta' maintenance u support fuq bazi annwali. Illi minn Lulju 2011 sa Gunju 2012, is-socjetajiet intimati rikonvenjenti rendew diversi servizzi ta' maintenance u anke support, fosthom anke billi marru kemm-il darba fil-fond tal-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata sabiex ituhom l-assistenza mehtiega u b'hekk dan l-ammont imsemmi huwa cert, likwidu u dovut lis-socjetajiet intimati rikonvenjenti.

Il-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata accettat ix-xoghol ta' zvilupp u fornitura tas-*software de quo* u awtorizzat lill-istess socjetajiet intimati rikonvenjenti biex jinstallaw dan is-*software* fuq is-server tal-kooperattiva msemmija u di fatti dan is-*software* beda jintuza mill-istess.

Minkejja dan il-ftehim bejn il-partijiet u accettazzjoni da parti tal-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata, il-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata baqghet sal-gurnata tal-lum inadempjenti f'dan il-pagament relattiv minkejja li s-servizzi gew rezi fl-interità taghhom mis-socjetajiet intimati rikonvenjenti.

*Di più*, waqt illi s-socjetajiet rikorrenti rikonvenjenti kienu qed jahdmu fuq l-izvilupp u l-istallazzjoni tas-*software de quo*, l-istess kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata inkarigat lis-socjetajiet intimati rikonvenjenti sabiex twettaq xoghol iehor in aggunta ma' dak pattwit fil-ftehim imsemmi. Illi dawn ix-xogholijiet saru mis-socjetajiet intimati rikonvenjenti u nharget il-fattura relattiva, liema fattura hija fl-ammont ta' elfejn, tmien mija u wiehed u disghin Ewro (€2,891), liema fattura, bin-numru 12040-966, qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. "C", liema ammont huwa cert, likwidu u dovut.

Minkejja li din il-fattura inharget fit-28 ta' Awwissu 2012, il-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata baqghet inadempjenti fil-pagament taghha minkejja li s-servizzi gew rezi fl-interità taghhom mis-socjetajiet intimati rikonvenjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonanta hija debitrici tas-socjetajiet intimati rikonvenjenti fl-ammont ta' erbat elef, erba' mija u hamsa u sittin Ewro (€4,465), eskluza l-VAT, rapprezentanti tal-bilanc pendenti mill-ammont ikbar ta' tnax-il elf, seba' mija u hamsin Ewro (€12,750), eskluz il-VAT.

2. Tikkundanna lil kopperattiva rikorrenti rikonvenzjonata thallas lis-socjetajiet intimati rikonvenjenti s-somma ta' erbat elef, erba' mija u hamsa u sittin Ewro (€4,465),

eskluza l-VAT, inkluz l-interessi legali sal-gurnata tal-pagament effettiv.

3. Tiddikjara illi l-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata hija debitrici tas-socjetajiet intimati rikonvenjenti fl-ammont ta' elfejn, disa' mija u hamsin Ewro (€2,950) rapprezentanti ta' servizzi ta' maintenance u support fuq bazi annwali, liema servizzi gew rezi mill-istess socjetajiet.

4. Tikkundanna lill-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata thallas lis-socjetajiet intimati rikonvenjenti s-somma ta' elfejn, disa' mija u hamsin Ewro (€2,950), eskluz il-VAT, l-interessi legali sal-gurnata tal-pagament effettiv.

5. Tiddikjara illi l-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata hija debitrici tas-socjetajiet intimati rikonvenjenti fl-ammont ta' elfejn, tmien mija u wiehed u disghin Ewro (€2,891) rapprezentanti servizzi rezi mis-socjetajiet intimati rikonvenzjonati fuq l-inkariga tal-istess kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata.

6. Tikkundanna lill-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjoanta thallas lis-socjetajiet intimati rikonvenjenti s-somma ta' elfejn, tmien mija u wiehed u disghin Ewro (€2,891), eskluz il-VAT, inkluz l-interessi legali sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra l-kooperattiva rikorrenti rikonvenzjonata sad-data tal-pagament effettiv li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata għat-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjetajiet konvenuti li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *rationae valoris* stante li l-ammont reklamat mis-socjetajiet konvenuti rikonvenzjonanti jaqa' fil-kompetenza tal-Qrati Inferjuri.

Preliminarjament ukoll, it-talbiet rikonvenzjonanti kif dedotti huma proceduralment irritwali ghaliex meta parti f’kawza jkollha pluralità ta’ talbiet kontra parti ohra li huma kollha f’ammont likwidu ghandha titlob il-kundanna ghall-hlas ta’ somma wahda u mhux ta’ pluralità ta’ ammonti kif ghamlu f’dan il-kaz is-socjetajiet konvenuti rikonvenzjonanti.

Sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikonvenzjonanti mressqa mis-socjetajiet konvenuti rikonvenzjonanti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi:

(i) Ebda ammont mhu lilhom dovut mill-Kooperattiva attrici rikonvenzjonata bhala bilanc mill-prezz kuntrattwali pattwit u dan stante illi s-socjetajiet konvenuti rikonvenzjonanti naqsu milli jadempixxu l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghhom li jesegwixxu u jikkompletaw l-inkarigu lilhom moghti mill-Koperattiva attrici rikonvenzjonata u jipprovdu sistema ta’ software addattata ghall-bzonnijiet u l-htigijiet tal-istess koperattiva entro t-terminu pattwit u s-sistema li giet minnhom jew min minnhom ipprovduta lill-Koperattiva rikorrenti rikonvenzjonata ma kienitx tiffunzjona kif suppost u kif kien miftiehem li kellha tiffunzjona u ma kienitx idonea ghall-uzu mill-istess Koperattiva rikorrenti rikonvenzjonanta.

(ii) Ebda ammont mhu lilhom dovut mill-Koperattiva attrici rikonvenzjonata bhala hlas ghas-servizzi ta’ maintenance u support stante illi s-servizzi moghtija mill-konvenuti rikonvenzjonanti kienu jikkonsistu unikament f’tentattivi sabiex jirrangaw is-sistema li huma pprovdew lill-Koperattiva attrici rikonvenzjonanti li, kif fuq inghad, ma kienitx tiffunzjona kif suppost u ma kienitx idonea ghall-htigijiet tal-Koperattiva.

(iii) Ebda ammont mhu lilhom dovut mill-Koperattiva attrici rikonvenzjonata bhala hlas ghal servizzi ohra allegatament rezi u dan ghall-istess raguni riportata f’paragrafu (ii) *supra*.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat ir-relazzjoni ta' Dr. Steven Farrugia Sacco maħtur fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2017 sabiex jirrelata dwar l-aspetti tekniċi mertu tal-kawża.

Rat it-tweġibiet ta' Dr. Steven Farrugia Sacco għad-domandi in eskussjoni tas-soċjetà attriċi.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija azzjoni b'kontro talba. Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti jirrifondu l-prezz imħallas għal *software* żviluppat mill-konvenuta Holistic Technologies Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa 'Holistic') bil-kollaborazzjoni tal-konvenuta Mozaic Company Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa 'Mozaic') u danni. Da parti tagħhom, is-soċjetajiet konvenuti rikonvenzjonanti qed jitolbu lill-Qorti ssib illi s-soċjetà attriċi hija debitriċi tagħhom fis-somma komplessiva ta' €10,306 rappreżentanti (i) il-bilanċ dovut fuq l-istess kuntratt iffirmat bejn il-partijiet (ii) servizzi ta' *maintenance* u *support* reżi minnhom fuq bażi annwali u (iii) servizzi oħra reżi.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-kontendenti kienu daħlu fi ftehim li permezz tiegħu Holistic kellha tiżviluppa *software* addattat għall-bżonnijiet tal-kooperattiva attriċi sabiex jieħu post il-programm li kellha peress li kien wieħed antik. Għalkemm il-partijiet isemmu li ffirmaw kuntratt, l-ebda parti ma esebiet kopja ta' xi kuntratt iffirmat imma jidher li qed jistrieħu fuq kwotazzjoni rrilaxxjata minn Mozaic fis-17 ta' Marzu 2011 li mhijiex iffirmata mill-partijiet.

Skont dan id-dokument, '*Quotation is based on the specifications document supplied by Mr Barbuto in our intial meeting*' u kif ukoll

speċifikazzjonijiet oħra indikati f'dik il-kwotazzjoni. Għall-iżvilupp tas-*software* ossia s-sistema l-ġdida, l-attriċi kellha tħallas €15,045 u għall-*maintenance agreement* kellha tħallas €3,481 fis-sena. Is-*software* kellu jitlesta fi żmien seba' ġimgħat '*from provision of all content & images*.'

Jidher illi l-ilmenti prinċipali tal-attriċi huma li:

i. Is-software ma kienx *tailor-made* għalihom;
ii. Is-*software* ma kienx *user friendly*;
iii. L-impjegati tal-attriċi kienu qed idumu wisq biex jagħmlu *inputting* ta' informazzjoni minħabba l-mod kif kien programmat is-*software*.

Konsegwentment, l-attriċi qiegħda tippretendi rifużjoni tal-pagament ta' €9,773.30 li għamlet lil Mozaic u kif ukoll danni. L-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ser jiġu indirizzati fil-kunsiderazzjonijiet li ser tagħmel il-Qorti dwar il-mertu tal-każ.

Il-Qorti inkarigat lil Dr. Steven Farrugia Sacco bħala espert sabiex jirrelata dwar l-aspetti tekniċi ta' dan il-każ. Wara li l-espert ġie muri s-*software* innifsu u ħa konjizzjoni tad-deskrizzjoni tas-*software* kif hemm imniżżel fil-kwotazzjoni li fuqha hija bbażata din il-kawża, irrelata li:

- Fis-*software* irraskontra biss żewġ nuqqasijiet pjuttost żgħar meta mqabbel mal-proġett kollu li bl-ebda mod ma jirriflettu l-maġġor parti tas-*software*. Inoltre, huwa faċli li dawn in-nuqqasijiet jiġu rimedjati;

- Fir-rigward jekk is-*software* huwiex *tailor-made* jew le, huwa tal-opinjoni li dan mhuwiex element strettament naxxenti mill-ftehim bejn il-partijiet;

- Is-*software* li ra waqt l-aċċess kien *software* disinjat għall-klijent, u mhux *software* li ssib eżatt bħalu għall-bejgħ mill-ħwienet. Kemm mis-sistema tad-*database* (speċjalment dawk il-partijiet li l-utent ma jarax) huwa misluf minn sistema (*framework* jew *module*) oħra huwa diffiċli ferm biex wieħed jistabbilixxi. Madanakollu, milli ra ma jaqbilx

li dan huwa *software* li tista' taqbad tmur tixtrih minn xi ħanut;

- Dwar jekk is-*software* huwiex *user friendly*, iħoss li mhuwiex *user friendly*. Huwa tal-fehma li l-interazzjoni tiegħu setgħet kienet aktar sempliċi, b'dan illi ma jfissirx illi mhuwiex *software* tajjeb. Jgħid ukoll li ċertament mhux se jwassal sabiex wieħed jgħid li fl-ambitu tal-ftehim bejn il-partijiet is-*software* m'huwiex entro dak pattwit bejniethom. Inoltre, wieħed għandu jgħid li l-ftehim ma jagħti l-ebda indikazzjoni f'dan ir-rigward u li inoltre, dan huwa test pjuttost suġġettiv;

- Dwar jekk is-software huwiex *slow*, huwa tal-fehma li mhuwiex *slow* per se, jiġifieri ma jidhirx li s-*software* ġie miktub b'mod ħażin li sabiex jipproċessa l-affarijiet idum. Madanakollu, irriżultalu li sabiex wieħed idaħħal l-informazzjoni, il-proċess idum aktar minn qabel, iżda dan ċertament mhux se jwassal sabiex wieħed jgħid li fl-ambitu tal-ftehim bejn il-partijiet is-*software* mhuwiex dak pattwit bejniethom.

Huwa jikkonkludi għalhekk li '*mil-lat tekniku, l-esponent huwa ta' l-opinjoni li s-software per se ma fih xejn intrinsikament ħażin. Iżda huwa ben ovvju, mill-assjem ta' l-elementi kollha, li jew l-attur ma spjegax ben tajjeb x'kellhom bżonn, jew l-intimati ma fehmux eżatt x'kienu l-bżonnijiet tal-kumpannija attriċi, dejjem sal-grad li wieħed jista' jasal.*'

Għall-waħda mid-domandi in eskussjoni tal-attriċi, l-espert wieġeb ukoll li '*Eżami komparattiv bejn is-software u l-ftehim ma wassalx lill-esponent sabiex jiddetermina n-nuqqasijiet issollevati mill-kumpannija rikorrenti, prinċipalment (i) il-livell ta' tailor made (ii) kemm għandu jkun user friendly u (iii) kemm għandu jkun fast.*'

Fuq l-iskorta ta' dak li jingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tad-9 ta' Frar 2001, fil-kawża fl-ismijiet Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista noe et, fejn fir-rigward ta' rapport peritali ntqal:

*"L-atti quddiem l-ewwel Qorti juru b'mod car u manifest li l-periti nominati espletaw l-inkarigu taghhom b'mod mill-aktar kompetenti u skond l-ahjar hila taghhom…Fl-ahhar mill-ahhar pero' kienet il-fehma tat-teknici illi f'materja ta' din ix-xorta kellha tiggwida l-Qorti. ... F'cirkostanzi bhal dawn ikun prezuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghall-konvinciment divers minn dak li jkun waslu ghalih l-esperti minnu nominati."* (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta, tad-9 ta' Marzu 2005, fl-ismijiet Victor Mangion et vs Raphael Aquilina et).

Fl-isfond ta' dan l-insenjament, u kif ukoll wara li eżaminat bl-akbar reqqa l-verżjonijiet tal-partijiet f'din il-kawża, il-Qorti ma tistax ħlief tagħmel tagħha l-konkluzjonijiet tal-espert minnha maħtur.

L-ewwelnett, il-Qorti tqis illi l-ilment tal-attriċi li dan is-*software* kellu jkun *tailor-made* iżda ma kienx, m'għandux mis-sewwa stante li mill-kwotazzjoni ma jirriżultax illi l-konvenuti obbligaw ruħhom li jiżviluppaw *software tailor-made*. Lanqas ma jirriżulta li l-attriċi ħallset għal *software tailor-made* fejn kollox kellu jkun żviluppat *from scratch*. Fi kwalunkwe każ, il-fatt illi Holistic bniet is-*software* fuq *framework* eżistenti ma jfissirx illi dan is-*software* ma kienx tajjeb għall-bżonnijiet tal-attriċi.

Dwar il-fatt illi s-*software* il-ġdid ma kienx *user-friendly* u li biċċa xogħol kien qed tieħu aktar ħin biex tiġi kompletata milli bil-program l-antik, il-Qorti taqbel mal-espert tekniku li jidher li din hija kwistjoni li jew kif xehed Stuart Abdilla għall-attriċi '*meta kienu jiġu konna ngħidulhom bid-diffikultajiet tagħna pero huma ma kinux jifhmuna x'irridu aħna mingħandhom*' jew inkella kif jirribatti Evan Camilleri għal Holistic '*Fit-taħriġ dejjem kien jidher ċar li n-nies li kienu ser jużaw il-program la kienu kkonsultati fuq dak li jien u s-Sur Barbuto ftehmna..*.'

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova li l-konvenuti naqsu b'xi mod fl-obbligi kuntrattwali tagħhom imma li dan huwa każ fejn Joe Barbuto, manager mal-attriċi, kif ukoll l-impjegati tiegħu, ma kinux sodisfatti bis-*software* żviluppat, imma b'daqshekk ma jfissirx illi l-konvenuti żviluppaw *software* li ma kienx tajjeb jew ma sarx skont il-ftehim.

Il-Qorti taqbel mal-espert tekniku inkarigat minnha fis-sens li kemm is-*software* huwa *user friendly* u kemm ser idum biex jindara jiddependi ħafna mill-utent u kif ukoll illi l-fatt li ddum aktar biex iddaħħal id-*data* ma jfissirx illi mhuwiex *software* idoneu.

Mhux kontestat li għalkemm jista' jkun li huwa minnu li s-*software* in kwistjoni kien jirrikjedi aktar żmien biex l-utent jagħmel biċċa xogħol, dan is-*software* kien aktar kumpless u elaborat u kellu aktar funzjonjiet u kapaċitajiet mis-sistema antika li kellha l-attriċi. Ukoll id-*data* li seta' jiġġenera kienet differenti.

Holistic kienet ħadet ħsieb tibgħat analiżi tas-sistema li kienet qed tipproponi li tiżviluppa skont il-bżonnijiet tal-attriċi, li Evan Camilleri kien iddiskuta ma Joe Barbuto. Minn imkien ma jirriżulta li s-*software* ma kienx skont din l-analiżi jew ma kienx skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-kwotazzjoni li fuqha ftehmu l-partijiet. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi l-konvenuti kienu qed iħabbtu wiċċhom ma problemi ta' komunikazzjoni ma Barbuto u kif ukoll illi wara l-ewwel demonstrazzjoni tas-*software*, l-impjegati tal-attriċi bdew jitolbu diversi tibdiliet fis-sistema li juri li dawn ma kinux qraw fid-dettal l-analiżi tas-sistema li kienet għamlet Holistic qabel ma bdiet tiżviluppa s-*software*.

Il-Qorti ma tistax ma tkunx imħassba wkoll dwar il-fatt illi kien biss sena wara li ġie żviluppat is-*software* u ċioè xahar qabel ma ġiet intavolata din il-kawża li l-attriċi rrifjutat is-*software*. L-uniku lmenti li tqajjmu qabel minn Barbuto kienu i) illi s-*software* ma kienx *tailor-made*, liema allegazzjoni jidher li ġiet irtirata mill-Bord tad-Diretturi tal-attriċi malli Evan Camilleri u Kevin Plumpton spjegawlhom kif jaħdem l-iżvilupp ta' dan it-tip

ta' *software* u ii) li funzjoni partikolari tas-*software* kienet wisq kumplikata u li qed tieħu wisq ħin. Wara dan l-aħħar ilment, Joe Barbuto u Evan Camilleri ftehmu li Camilleri għandu jmur fl-uffiċju tal-attriċi biex jara x'inhi l-problema. Din il-laqgħa qatt ma saret in kwantu li l-attriċi rrifjutat is-*software* ftit tal-ġranet wara.

Il-Qorti lanqas ma hija konvinta mill-allegazzjoni tal-attriċi li l-konvenuti għalqu l-aċċess li kellha l-attriċi għas-*software* il-ġdid in kwantu li mill-provi ma jirriżultax li din l-allegazzjoni ġiet ippruvata. Huwa veru li Godwin Mallia, li jipprovdi servizz ta' IT lill-attriċi, xehed illi meta pprova jaċċessa s-*software* wara li l-attriċi tterminat l-inkarigu tal-konvenuti sab illi l-konvenuti kienu għalqu l-aċċess, iżda in kontro-eżami ammetta li huwa ma setax ikun ċert min għalaq dan l-aċċess għaliex m'għamilx *access audit*. Fid-dawl tal-fatt illi l-konvenuti jiċħdu kategorikament li qatt reġgħu aċċessaw is-*software* tal-attriċi wara li ġie terminat l-inkarigu u fin-nuqqas ta' prova teknika dwar dan il-punt, il-Qorti ser tiskarta din l-allegazzjoni wkoll.

Finalment, l-attriċi tilmenta wkoll illi l-konvenuti naqsu milli jikkompletaw u jikkunsinnaw dan is-*software* fi żmien seba' ġimgħat mill-ftehim kif pattwit. Madanakollu, mill-atti jirriżulta li t-terminu kien seba' ġimgħat '*from provision of all content & images*' u dan skont l-imsemmija kwotazzjoni. L-attriċi ma ġabet l-ebda prova dwar meta attwalment bagħtet l-informazzjoni kollha rikjesta kif lanqas ma ġabet prova li sofriet xi danni minħabba l-aġir tal-konvenuti.

Mid-deposizzjoni tax-xhieda li xehdu f'dawn il-proċeduri, il-Qorti hija aktar disposta temmen il-verżjoni tal-konvenuti li għalkemm is-*software* kien lest f'Lulju tal-2011, kienet il-kooperattiva attriċi li tidher illi ma writx wisq interess jew għaġla sabiex jibdew jitħarrġu dwar kif ser jaħdmu bis-*software* il-ġdid, tant illi diversi laqgħat kellhom jiġu posposti fuq talba ta' Joe Barbuto. Il-Qorti tqis ukoll li aktar minn sitt xhur wara li Kevin Plumpton bagħat lil Joe Barbuto l-ispeċifikazzjonijiet, l-attriċi kienet għadha lanqas biss xtrat is-*server* il-ġdid li kellha bżonn u kif ukoll li kienet l-attriċi li kienet qiegħda tkaxkar saqajha biex tibgħat ċertu materjal mitlub mill-konvenuti.

Għaldaqstant, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

Jibqa' għalhekk il-kontro-talba. In linea preliminari, l-attriċi rikonvenzjonata teċċepixxi l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris*. Dwar eċċezzjoni ta' din ix-xorta, il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hija kemmxejn kunfliġġenti.

A tenur tal-artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *"Fil-kawżi, il-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*
>
> *(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*
>
> *(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha."*

Din il-Qorti diversament presjeduta, fil-kawża Air Malta p.l.c. vs South Rays Holidays Limited, deċiża fit-30 ta' Ġunju 2004, issenjalat tifsira preċiża tal-kelma 'konnessjoni' fis-sens li:

> "*Illi dwar it-tifsir tal-konnessjoni meħtieġa mal-azzjoni attriċi biex tista' trieġi l-kontro-talba, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bħala żewġ azzjonijiet li kapaċi joqogħdu waħedhom f'eżistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodiċi jseddaq din l-awtonomija. Għalhekk, b'"konnessjoni" wieħed ċertament ma jifhimx li l-kontro-talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura tagħha [Ara per eżempju, App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet Sammy Meliaq boe vs Oral Attinel pro et]. Iżda l-elementi li trid il-liġi jridu jkunu murija sewwa biex il-kontro-talba tista' titressaq kif imiss.*"

Eċċezzjoni simili ġiet sollevata u t-trattata fis-sentenza Gheiti and Sons Limited vs Perit Arkitett Colin Zammit, deċiża minn din

il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' Mejju 2011, fejn ingħad hekk:

> *"Dan il-punt dwar il-kompetenza f'kontrotalba gie trattat fil-kawza C. Fino and Sons Limited vs Neville Bonnici et (Qorti Magistrati 27/04/2005) fejn il-Qorti qalet hekk:*
>
> *"L-Artikolu 744 ta' l-istess Kodici ta' Organizzazzjonji u Procedura Civili jipprovdi hekk:*
>
> *Id-dispozizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan jghoddu wkoll meta r-rikonvenzjoni ghal ragunijiet ohra ma tistax tigi proposta quddiem il-Qorti li fiha l-attur ikun ippropona t-talba tieghu, f'dan il-kaz it-talba tal-konvenut jekk tkun konnessa mat-talba ta' l-attur ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fl-Artikolu 396 tista' issir quddiem kull Qorti ohra kompetenti f'Malta'.*
>
> *Ghalkemm dan l-istess Artikolu jaghmel ukoll riferenza ghall-Artikolu 743 li jitkellem dwar il-gurisdizzjoni li tahta jaqa' kull rikonvenut f'kawza minnu proposta, ghal ragunijiet ta' pratticita' u anke ghall-ekonomija tal-gudizzju, l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 744 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, hija illi, meta l-kontrotalba ma tissuperax u ma tezorbitax il fuq mill-kompetenza tal-Qorti li qed tiehu konjizzjoni tat-talba attrici sakemm il-kontrotalba tkun taqa' fil-binarji stabbiliti mill-Artikoli 396, 397 il-Qorti ghandha l-jedd li tiehu konjizzjoni anke ta' dik il-kontrotalba u tiddecidieha fl-istess gudizzju li fih tiddeciedi t-talba attrici.""*

Madanakollu, il-Qorti kompliet billi qalet hekk:

> *"Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-insenjament billi ghalkemm iz-zewg kawzi jinstemghu flimkien u dan in omagg ghat-tendenza tal-Qorti lejn l-ekonomija tal-gudizzju u dupplikar mhux necessarju ta' proceduri gudizjarji, wiehed iried izomm quddiem ghajnejh ukoll illi fl-istitut tar-rikonvenzjoni l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bhala zewg azzjonijiet li kapaci joqoghdu wahidhom f'ezistenza indipendenti w awtonoma. Ghalkemm fir-*

*rikonvenzjoni hemm konnessjoni taz-zewg kawzi, b'daqshekk ma jfissirx u wiehed ma ghandux jifhem li l-kontrotalba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura taghha. Ghalhekk jekk ghal xi raguni t-talba principali taqa' ghal kwalisiasi raguni, il-kontrotalba li ma titlifx minn natura taghha ta' kawza indipendenti w awtonoma trid tkun kapaci tghix wahedha. F'dan il-kaz hemm ostakolu insormontabbli ghax l-inkompetenza tal-Qorti ratione valoris tal-kontrotalba taht l-artikoli 47 u artikolu 748(a) tal-Kap. 12 qua kawza awtonoma mhix wahda li tista' tigi skartata la ghall-ekonomija tal-gudizzju u anqas ghal nuqqas ta' dupplikar ta' procedura."*

Din il-Qorti tikkondividi din il-fehma u peress illi t-talbiet rikonvenzjonali huma għall-ammonti li lanqas komplessivament jeċċedu s-somma ta' €15,000, il-Qorti ssib li hija inkompetenti *ratione valoris* sabiex tiddeċiedi t-talbiet rikonvenzjonali.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi tiċħad it-talbiet attriċi. Riferibbilment għat-talbiet rikonvenzjonali, il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-attriċi rikonvenzjonata in kwantu li din il-Qorti hija inkompetenti *ratione valoris* sabiex tiddeċiedi t-talbiet rikonvenzjonali u għaldaqstant, ai termini tal-artikoli 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom u tibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati sabiex it-talbiet rikonvenzjonali jigu mismugha u maqtugha skond il-ligi.

L-ispejjeż tal-kawża prinċipali jitħallsu mill-attriċi filwaqt illi dawk tal-kontro talba huma riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG